MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 263/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Bernard C. Spiteri)**
**(Spt. Martin Sammut)**
**Vs**
**Matthew Zammit**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-7 ta' Settembru, 2008, f'xi hin bejn id-disgha (21.00 hrs) u d-dsigha w nofs ta' filghaxija (21.30 hrs) minn gewwa l-fond maghruf bhala Sprache Café Complex, Pembroke,

1. ikkommetta serq ta' wallet li kien jikkontjeni €30 fi flus kontanti w diversi dokumenti ohra, w kif ukoll telefon cellulari tal-marka Siemens, ghal valur komplensiv ta' anqas minn €233, ghad-dannu ta' Raquel Fernandez Rodriguez, liema serq huwa kwalifikat bil-hin;

2. kiser l-ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati

(Malta) nhar it-13 ta' Settembru, 2006, liema sentenza hija definittiva w ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Settembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi w, bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, poggitu taht ordni ta' probation ghaz-zmien massimu permess mill-ligi ta' tlett (3) snin taht il- kundizzjonijiet indikati fl-istess ordni.
Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-29 ta' Settembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib lill-appellat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu w tinfliggi l-piena indoneja skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti. F' l-ewwel lok is-sentenza hija nulla ghax l-Ewwel Qorti ma indikatx l-artikoli tal-ligi korretti li tahthom sabet htija w fit-tieni lok ma jirrizultax li ttrattat mal-appellat ghall-addebitu minn ammess tal-ksur tal-kondizzjonijiet tal-liberta' kondizzjonata imposti fuqu bis-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

*Illi l-Avukat Generali ghandu ragun. L-appellat kien* inter alia *gie akkuzat b' serq kwalifikat bil-hin. L-Ewwel Qorti, minnkejja l-ammissjoni tal-appellat, iccitat espressament biss l-artikolu 285 tal-Kodici Kriminali li jittratta r-reat ta' serq semplici. Invece kellha ticcita l-artikoli 261 (f), 270 u*

*281(a) tal-istess Kodici. Id-dicitura li adoperat l-Ewwel Qorti u cioe'* "…wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 285 tal-Kap. 9…." *ma jissodisfax il-vot tal-ligi. Dan ghaliex, kif dejjem gie ritenut, skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w* <u>*ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*</u>

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia**" [25.9.2003] ; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**" [10.7.2002 u 28.6.2002] **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia**" [24.4.2002], "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**" [14.9.2004]; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005] ; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006]; **"Il-Pulizija vs. Josette Bickle"** [2.11.2006] u ohrajn).

Fi kliem iehor ma jistax isir accenn b' mod generali ghal artikoli tal-ligi bla ma jissemmew espressament, wiehed, wiehed, jekk ikun il-kaz. B' dana kollu hekk sar fis-sentenza appellata. Mbaghad gie citat espressament biss l-artikolu 285 li mhux applikabbli kif fuq intqal. Dan wahdu jimporta n-nullita' tas-sentenza.

Illi t-tieni aggravju tal-Avukat Generali wkoll huwa ben fondat. L-appellat ammetta ukoll l-addebitu li kiser l-ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn impost fuqu b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-13 ta' Settembru, 2006. Una volta li giet registrata dik l-ammissjoni, l-Ewwel Qorti kellha tittratta mal-appellat ghal ksur ta' dik il-kondizzjoni b' xi wiehed mil-modi kif jipprovdi l-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ikun x' ikun il-mod li taghzel li tittratta mieghu pero', dejjem trid tittratta dan l-addebitu w tippronunzja ruha dwaru espressament.

Lanqas dan ma sar fis-sentenza appellata. Anki dan in-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, li jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata.

Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh taht iz-zewg aspetti tieghu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tannulla s-sentenza appellata. Izda, kemm biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame* kif ukoll ghaliex f' kull kaz tkun trid tibghat lill-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex din tittratta mieghu ghall-ksur tal-kondizzjoni imposta fuqu bis-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Settembru, 2006, tordna li l-atti jigu rimessi lill-Ewwel Qorti biex il-kawza tigi deciza skond il-ligi skond il-linji fuq spjegati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------